MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tal-11 ta' April, 2005

Numru 62/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur Marthese Micallef**
**V**

**ABOBAKAR AB AL ARABI SABRI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **ABOBAKER AB AL ARABI SABRI** ta' sebgha w ghoxrin sena bin Abdul Salem u Sad, imwieled Zawia, l-Libja nhar l-erbatax ta' Settembru 1974 u residenti Triq Ras l-Gebel, Xaghjra, u detentur ta' karta tal-identita numru 22417A u passaport numru 142847 gie mressaq quddiemha akkuzat:

1. Bi vjolenza kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Rodianne Delia;

2. Talli bi vjolenza kkommetta attentat vjolenti ghal pudur fuq il-persuna ta' Rodianne Delia;

3. Talli seraq b'qerq jew seduzzjoni lil imsemmija Rodianne Delia bil-hsieb li jabbuza minnha;

4. Talli bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil imsemmija Rodianne Delia kontra l-volunta taghha jew ta' l-post biex din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata u dan bhala mezz biex l-imsemmija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha;

5. Talli minghajr l-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Louis Ronayne f'wiccu, liema offiza ser ggib sfregju fil-wicc skond ma ccertifikat minn Doctor N. Refalo tal-isptar San Luqa;

6. Talli kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Rodianne Delia skond ma ccertifika Doctor N. Mallia tal-isptar San Luqa;

7. Talli offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew lok espost ghal pubbliku;

8. Talli hebb kontra l-persuna ta' Louis Ronayne sabiex jingurjah jdejjqu jew jaghmillu hsara jew lil haddiehor;

9. Talli qal fil-pubbliku kliem oxxen jew indicenti jew ghamel atti jew gesti oxxeni li joffendu l-morali, l-imgieba xierqa jew d-decenza pubblika.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esbiti.

Semghet l-provi kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju kif wkoll l-provi tad-Dofiza.

Rat l-artikoli tal-ligi mibghuta mill-Avukat Generali nhar l-ghoxrin ta' Marzu 2003 [fol 164] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputat, din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta fis-seduta ta' nhar l-ewwel ta' April 2003 [fol 165].

Semghet **l-ammissjoni tal-imputat ghal akkuzi kollha** kif addebitati fil-konfront tieghu fis-seduta ta' nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Frar 2005 [fol 230].

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerggha lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq ammissjoni tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li qed issbu hati tal-akkuzi minnu ammessi.

Semghet lil partijiet jittrattaw dwar il-piena fis-seduta tal-erbatax ta' Marzu 2005.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha n-noti ta' sottomissjonijiet kemm tad-difiza kif wkoll dik tal-Prosekuzzjoni u minn apprezzament taghhom jirrizulta li l-partijiet t-tnejn qablu fuq certi principji ghalkemm donnu li l-Prosekuzzjoni ma fehmitx ezatt dak li kienet qed tipprova tghid d-Difiza fin-nota taghha dwar il-piena.

Ma hemmx dubbju li z-zewg partijiet jaqblu li l-proceduri 'n kwistjoni tmexxew ex officio u dan ghaliex l-istupru fuq il-persuna ta' Rodianne Delia sar f'karozza f'post accessibbli ghal pubbliku u ghalhekk tajjeb irrelevat id-Difiza li l-vittma ma tistax tirrinunzja ghal azzjoni kriminali.  Pero bir-rispett kollu lejn il-Prosekuzzjoni, id-difiza qatt ma kkontendiet li

dan jistgha jsir. Qalet biss li l-fatt li kwerelanti hafret lil imputat ghal ghemilu u l-fatt li giet kumpensata minghand l-imputat ghal dak li ghamel ghandu jkollu effett fuq il-piena.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar d-disgha w ghoxrin ta' April 1999*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Rose Mary Pengally** fejn gie deciz li:

*"Ir-recess tal-kwerelant ma jista jkollu ebda effett fuq proceduri kriminali [**hlief ghal finijiet ta' mitigazzjoni ta' piena**] galadarba l-azzjoni dwar reat ta' kompetenzi originali tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kienet tajjeb jew hazin qed titmexxa mill-Pulizija ex officio. Ir-renunzja tal-kwerela ma tistax tkun soggetta ghal xi kondizzjoni ghax tali kundizzjoni necessarjament timporta li l-Qorti qeghdha hemm biss bix tiddecidi iuxta allegata et probata."*

Id-difiza sostniet li 'n linea maz-zminijiet ta' llum u appuntu mal-hsieb socjali tal-pajjiz fejn il-kuncett ta' kumpens qed jigi ntrodott fis-sistema legali taghna permezz ta' legislazzjoni, din il-Qorti ghandha taghti widen ghal tali sottomissjoni.

Id-difiza ghamlet referenza ghax-xhieda ahharija ta' Rodianne Delia moghtija nhar s-sitta ta' Dicembru 2004 fejn stqarret bil-gurament taghha li hija nghatat somma flus minghand l-avukat difensur tal-imputat minhabba l-incident in kwistjoni u hija hafret lil imputat ghal dak kollu li ghamlilha.

Id-difiza ressqet wkoll lil **Biagio Muscat jixhed** nhar s-sitta w ghoxrin ta' Jannar 2005 u jghid li huwa ghandu s-sengha ta' mekkanik u l-facilitajiet tal-VRT. Stqarr li lil imputat ilu jafu gal dawn l-ahhar erbgha snin u nofs ghaliex effettivament jahdem mieghu. Ikkonferma li ilu jaf b'dan il-kaz sa mill-bidu nett tieghu w in effetti dejjem akkumpanja lil imputat l-Qorti sabiex isegwi l-kaz mill-vicin. Huwa fil-fatt anke f'dar l-imputat jmur sabiex jaccerta ruhu li jkun d-dar u qed isegwi l-ordni tal-Qorti. Spjiega li l-imputat jahdem mieghu b'mod regolari u mhux

qed jghix hajja ta' sfrattu. Huwa jafdah, jidhol u jiekol ghandu b'mod regolari u fil-fatt anke cwievet tal-garaxx tieghu ghandu. Huwa kkonferma li ilu jaghti dan l-appogg lill-imputat tul iz-zmien kollu li ilha pendenti l-kawza u li kien lest li jibqa jaghtihulu anke wara li tinghata s-sentenza u dan ghaliex hu fl-interess tieghu li jzomm lil imputat jahdem mieghu.

Il-Qorti kienet ordnat pre sentencing report dwar l-imputat u dan fis-seduta tat-tlieta ta' Novembru 2004 fuq domanda tal-imputat stess u nhar s-sitta ta' Dicembru 2004, il-Probation Officer Trevor Calafato ippresenta r-relazzjoni tieghu [fol 207].

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li dak li qal Biagio Muscat u cioe li huwa qed jghin lil imputat huwa minnu ghaliex sahansitra anke ammont ta' plegg kien iddeposita l-Qorti. Jirrizulta li verament dan Biagio Muscat ghadu kontroll fuq l-imputat u li anke sablu fejn jghix u jahdem. Stqarr wkoll li minn laqgha li hu ghamel mal-vittma jirrizulta li l-vittma giet kkumpensata u li hija sodisfatta bil-kumpens li rceviet u li ma tixtieqx li l-imputat jispicca l-habs.

**Ikkunsidrat ai fini ta' piena:**
Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmintax ta' Jannar 2001*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Farrugia** fejn gie dikjarat li;

*"Kull piena, anke meta jkun hemm ammissjoni, ghandha idonjament tinghata fid-dawl ta'l-antecedenti penali tal-hati."*

Taghmel wkoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ewwel ta' Dicembru 1994*** fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Ivan Gatt**, appuntu fuq l-aspett ta' piena bhala deterrent kif dwarha fissret il-Prosekuzzjoni fit-trattazzjoni taghha. Hija sostniet s-segwenti:

*"Din il-Qorti tosserva li storikament l-element tad-deterrent flimkien ma dak tar-retribuzzjni huma konsidrati fost l-iskopijiet principali tal-piena. Fil-fatt fis-seklu tmintax, studjuzi famuzi bhal Cesare Beccaria fl-Italja, Jeremy Bentham fl-Ingilterra u P.J.A. von Feuerbach fil-Germanja, tlett esponenti ewlenin tal-iskola Klassika fix-xjenza tal-Kriminologija, bbazaw t-teorija taghhom ta' delitti u pieni fuq il-kuncett ta' deterrent generali. Kif jillustraha Johannes Andeneus [Encyclopedia of Crime and Justice (Vol 2- taht il-Voce Deterrence - pg 5592)] "The central idea was that the threat of punishment should be specified so that in the mind of the potential lawbreaker the fear of punishment would out weigh the temptation to commit the crime. The penalty should be fixed by law in proportion to the gravity of the offence."*

Dawn l-studjuzi, pero rarament ikkonsidraw l-aspett tal-effetti morali tal-ligi kriminali mentri effettivament dan l-aspett huwa wiehed minn dawk importanti billi l-ligi Kriminali mhux biss skala ta' delitti u pieni f'sens astratt, izda hija essenzjalment espressjoni tad-disapprovazzjoni tas-socjeta ghal certa imgieba.

*“Fis-seklu li ghadda, pero, u fl-ewwel parti ta dan, spikkat l-importanza ta' dak li hu komunement maghruf bhala 'treatment and rehabilitation' ta' min ikun kiser l-ligi. F'dan il-process, sfortunatament, kien hemm wkoll min beda jemmen li l-element tad-deterrent huwa ineffikaci, anke jekk effettivament ebda sistema legali m'abbandunat l-kuncett tad-deterrent bhala wiehed mill-aspetti inerenti ghal piena fis-sistema penali. Illum, specjalment wara s-snin sittin, l-interess fl-aspett tal-piena bhala deterrent reggha beda jigi studjat u ricerkat u fil-fatt llum hemm skola noe-klassika fix-xjenza kriminologika li taghti importanza ghall-aspett tad-deterrent ghalkemm fl-ebda hin ma gie accettat li huwa sewwa li jinghataw sentenzi ezemplari li aktar milli jistghu jservu bhala deterrent ghal haddiehor, ghandhom effettli jimpunixxu lil hati b'certa severita li taht kull cirkostanza ma tistax hlief tigi konsidrata eccessiva precizament ghax trid isservi ta' ezempju ghal haddiehor.*

*In realta' s-severita tal-piena ghal dak li huwa deterrent, hija espressa fil-mizura ta' piena li tistabbilixxi l-ligi stess, u fejn hemm minimu u massimu, dan qieghed hemm biex il-Qorti tuza u timmizura l-gudizzju taghha tenut kont tal-fatti specie u gravita` partikolalri tal-kaz, tac-cirkostanzi relattivi ghal hati u ta' fatturi u cirkostanzi ohra li fix-xjenza Kriminologika u dik ta' Penologija huma accettati bhala li ghandhom jindirizzaw lil Qorti tiddecidi kif ghandha tittratta mal-individwu li jkun instab hati. Il-piena, pero m'ghandiex tkun mizurata b'mod li l-hati jhallas b'piena akbar biex isservi ta' ezempju ghal haddiehor."*

Illi sentenza ohra fuq il-materja li tikkonferma li l-piena li ghandha tinghata mill-Qrati nostrana m'ghandiex tkun biss ta' deterrent, izda piena restorattiva, hija dik moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Setttembru 1993*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Stephen Spiteri** fejn gie ritenut li:

*"…huwa opportun li tnehhi l-impressjoni li l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena, hu biss li jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett li ghamel zmein u kien il-kuncett predominanti, pero llum kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta'sistema restorattiva, fejn jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anke tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, wkoll tal-precedenti kriminali tal-impuat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun soffriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anke li jkun hemm possibilita li dak li jkun jigi riformat u jikkonvinci ruhu li ghandu jsegwi t-triq t-tajba."*

Il-partijiet ghamlu referenza ghal diversi sentenzi fuq il-piena li ghandha tapplika din il-Qorti. Din il-Qorti taghmilha cara li paraguni f'kawzi kriminali huma xi ftit jew wisq dejjem odjuzi, specjalment meta jkunu mibnija fuq il-premess li ma hemmx identita` fil-meritu. Il-process kriminali jinduci hafna aktar mill-meritu kif hu risaput u senjatament hafna drabi jidhlu in konsiderazzjni aspetti ta' natura pesanti ghal dik li hija piena kif wkoll cirkostanzi ohra li jistghu jirreferu ghal *modus agendi,* kif wkoll ghal

ko-operazzjoni tal-akkuzat mal-awtoritajiet tal-Pulizija fl-investigazzjoni tal-istess reati jew li reati ohra rigwardanti persuni ohra, jew addirittura li l-vittma jigi kumpensat.

Ghalhekk huwa kontro-indikat li jingiebu paraguni ma kawzi ohra li huma kompletament estranji ghal dan u jigu akkumpanjati b’ argumenti fuqhom.

Il-Prosekuzzjoni sostniet li din il-Qorti m'ghandiex taghti kaz l-fatt li l-imputat ikkumpensa lil vittma u m'ghandiex tqis dan il-fatt bhala fattur mitiganti ghal piena.

Din il-Qorti, bir-rispett kbir lejn il-Prosekuzzjoni ma taqbilx ma din is-sottmissjoni. Din zgur hija konsiderazzjoni specjali li din il-Qorti trid tindirizza u anzi testendi lil kull bniedem misjub hati li jaghmel tajjeb ghal hsarat kagjonati minnu lil vittmi.

Il-Qorti ghandha l-attitudni w diskrezzjoni qawwija meta tigi biex tapplika il-piena u kull kaz irid jigi gudikat fic-cirkostanzi specjali tieghu. Il-gustizzja trid tigi nterpretata w applikata b'mod soggettiv.

Ma hemmx dubbju li kieku dan l-istupru sar fil-privat, il-kaz kien jaqa stante r-rinunzja tal-kwerelanti. Huwa minnu li f'dan il-kaz r-rinunzja ma twaqqafx l-proceduri stante l-element pubbliku involut. Ir-reat huwa wiehed l-istess kemm jekk isir fil-pubbliku kif ukoll fil-privat u huwa wiehed serju, pero fl-ewwel kaz il-legislatur ried li jissanzjona mhux d-delitt per se, izda l-pubblicita` tad-delitt u ghalhekk l-Qorti thoss li ghandha tqis ir-rinunzja tal-vittma fid-dawl tac-cirkostanzi li l-istupru sar bil-lejl, f’karozza, meta ma kien hemm hadd presenti.

Din il-Qorti ghamlet ricerka zghira sabiex tara jekk il-Qrati tal-Appelli Kriminali ukoll iqisux il-kumpens lejn il-vittma bhala malfattur mitiganti u rrizultalha s-segwenti.

Fis-sentenza citata mid-difiza li nghatat mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Settembru 1999***, fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Eugenio Gaffarena**, fejn Gaffarena kien akkuzat b’diversi

akkuzi fosthom dik ta' feriti gravi, il-Qorti qieset il-fattur illi l-vittma li kien certu Philip Bartolo, ma kellux aktar pendenzi kontra l-imputat, u ghalhekk, filwaqt li kkundannatu sentenza sospiza fil-massimu taghha, ikkundanatu ukoll jhallas s-somma ta' elfejn lira lil vittma bhala kumpens.

F’sentenza ohra moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-erbgha ta' April 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Victor Zarb**, dik il-Qorti kienet biddlet dik il-piena karcerarja moghtija mill-Qorti tal-Magistrati u minflok issospendiet il-piena karcerarja, pero’ imponiet obbligu fuq l-persuna misjuba hatja illi huwa ghandu jhallas l-ammont li ddefroda lura lill-vittma.

F'sentenza ohra moghtija mill-***Qorti Kriminali nhar s-sitta ta' Frar 2001***, fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta v Kevin Sammut,** fejn il-persuna kienet giet akkuzata fost akkuzi ohra fuq sekwestru ta' persuna, serq aggravat u offiza gravi, u dik il-Qorti wara li rat il-progress li kien ghamel il-persuna misjuba hatja, poggietu taht ordni ta’ probation u ordnatlu jhallas s-somma ta’ hames mitt lira Maltin bhala kumpens ghat-telf li sofra l-istess vittma.

Illi ghahekk fid-dawl tas-suespost, il-Qorti thoss li ghandha tqis il-fattur ta’ kumpens bhala fattur mitiganti ghal piena, naturalment flimkien ma fatturi ohrajn, fosthom dawk segwenti;

1. Il-fedina penali tal-imptat li hija relattivament nadifa salv ghal reat wiehed registrat fis-sena 1997 meta huwa nghata unconditional discharge;
2. Il-fatt li huwa kkumpensa lil vittma ghal agir illegali tieghu;
3. Il-fatt illi l-vittma hafret lill-imputat ghal dak li ghamel u xtaqet twaqqaf il-proceduri odjerni u sahansitra ddikjarat li ma tixtieqx tara lill-imputat il-habs;
4. Il-fatt li s-socjeta in generali ma sofriet ebda danni la materjali u lanqas fizici;
5. Il-fatt li l-imputat ghamel progress kemm ilhom pendenti dawn il-proceduri, jinsab jahdem b’mod regolari w jinsab setiljat f'dak li qed jaghmel;

6. Il-fatt li l-imghallem kien ta’ appogg lill-imputat tul dawn il-proceduri ghaliex emmen fih u li ser ikompli jsegwi l-passi tieghu anke wara li tinghata din s-sentenza.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 198, 199(1), 89, 214, 215, 216, 217, 218, 221, 209, 339(d)(e), 338(bb), 342, 17(b)(c)(h), 20, 22 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed ssib lil imputat ABOBAKER AB AL ARABI SABRI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal sentejn prigunerija, izda ai termini tal-artikolu 28A(1) tal-Kodici Kriminali tordna li din s-sentenza qed tigi sospiza ghal erbgha snin mill-lum kemm il-darba l-imputat waqt l-perjodu operattiv ta'din l-ordni ma jikkommettix reat iehor li jkollu piena karcerarja u jinsab hati tieghu.**

**Il-Qorti qeghda wkoll ai termini tal-arikolu 28G(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wkoll b'zieda ma din is-sentenza taghmel ordni ta' supervizzjoni u qed tpoggi lil hati taht s-supervizzjoni tal-Ufficjal Sorveljanti Trevor Calafato ghal perjodu operattiv kollu ta' din is-sentenza.**

**Il-hati ghandu jibqa in kuntatt mal-Ufficjal Sorveljanti skond dawk l-istruzzjonijiet li jista minn zmien ghal zmien jinghata minn dan l-ufficjal u l-hati ghandu javzah b'kull tibdil fl-indirizz tieghu ai termini tal-artikolu 28G(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Tordna in linea ma dak dispost fl-artikolu 28G(4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza tigi minnufih komunikata lil Ufficjal Sorveljanti Trevor Calafato.**

**Dwar t-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tikkundanna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjes inkorsi mal-hatra ta' esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-process u ma jirrizultax li fl-atti ta' din il-**

**kumpilazzjoni gew nominati xi esperti u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------